# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI
# SEDE KOSTITUZZJONALI

### IMHALLEF
### ONOR. GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 14 ta' Dicembru, 2001**

**Numru 1**

**Rikors Nru. 3/2001GV**

**Doc. Nru. 170-01**

**Joseph Galea**

**vs**

**Avukat Generali**

**IL-QORTI,**

**PRELIMINARI**

Rat ir-rikors li permezz tieghu r-rikorrenti ppremetta:

Illi hu qed jilmenta li nkisru fil-konfront tieghu (a) l-Art. 7 tal-Konvenzjoni Ewropeja ghad-Drittijiet tal-Bniedem, u (b) l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni.

Fatti fil-qosor:

Hu kien tressaq akkuzat li (1) bhala l-persuna registrata naqas hu jew impjegati tieghu li jaghtu ricevuta tal-VAT u (2) li hu ma tax tali ricevuta. Illi b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati tat-22 ta' Gunju, 2000 hu ma nstabx hati tal-ewwel imputazzjoni u hati dwar it-tieni imputazzjoni u cioe' r-reat li hu

personalment ma harigx u kkonsenja ricevuta. L-esponenti ghamel appell, u minkejja li x-xhieda qalu li l-bejgh sar minn Simone Galea, xorta l-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza taghha tas-26 ta' Jannar, 2001 kkonfermat il-htija u kkonfermat il-piena.

Vjolazzjonijiet li jirrizultaw:

Jidher manifest li l-legislatur iddistingwa zewg reati - u t-tnejn dedotti kontra l-imputat rikorrenti. Fl-ewwel reat li minnu gie liberat, jitkellem fuq ir-responsabilta' tal-persuna registrata jekk hu jew l-impjegati tieghu jonqsu li jaghtu r-ricevuta, it-tieni reat jippostula r-responsabilta' diretta tal-persuna tonqos hi stess li taghti.

F'dan il-kaz il-provi kienu cari li kienet Simone Galea li ma tatx ricevuta.

Imma s-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali b'interpretazzjoni estensiva sabet lil Joseph Galea hati li Simone Galea ma tatx ricevuta, u dan b'konferma tal-ewwel sentenza tal-Qorti tal-Magistrati. Mill-liberazzjoni fuq l-ewwel akkuza ma kien hemm l-ebda appell u ghalhekk saret definittiva u ma kienetx quddiem il-Qorti tal-Appell.

Minkejja dan, Joseph Galea ghalhekk gie misjub hati ta' reat li ma wettaqx, ghaliex wettqitu Simone Galea, u li dwar ir-responsabilta' ghall-agir taghha gja' kien liberat definittivament mill-Qorti tal-Magistrati. Dan jikkostitwixxi ksur tal-principju tan-*Nea Bis in idem* protett mill-Kostituzzjoni fl-artikolu 39, u vjolazzjoni wkoll tal-istess artikolu tal-Kostituzzjoni u tal-artikolu 7 tal-Konvenzjoni Ewropea li ma tippermettix interpretazzjoni estensiva tal-elementi tar-reat biex ikopru fatti ohra mhux puniti mill-legislatur.

Ghaldaqstant l-esponent talab li din il-Qorti:

1. Tiddikjara li s-sentenzi tal-kundanna moghtija fil-konfront

tal-esponenti dwar it-tieni mputazzjoni li hu naqas li jaghti ricevuta fiskali jivjolaw fil-konfront tieghu l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 7 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem;

2. Taghtih ir-rimedji adegwati, principalment it-thassir tal-istess kundanna konfermata fis-26 ta' Jannar, 2001 u

3. Taghtih kumpens xieraq ghall-vjolazzjonijiet sofferti.

Bl-ispejjez.

Rat ir-risposta tal-intimat a fol. 6 tal-proces fejn appremetta:

(1) Illi dwar l-allegazzjoni tar-rikorrent ta' *ne bis in idem* ma sar ebda ksur la ta' l-Artikolu 7 tal-Konvenzjoni Ewropea u lanqas ta' l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ghas-segwenti ragunijiet

(a) L-Artikolu 7 tal-Konvenzjoni m'ghandu x'jaqsam xejn mal-kuncett ta' "*Ne bis in idem*". Fil-fatt dan id-dritt ma jidhirx fil-Konvenzjoni kif kienet fl-1950 izda jidher bhala dritt apparti fl-artikolu 4 tal-Protokol numru *7* li Malta mhix parti kontraenti tieghu u li mkien ma jidher fl-Iskeda tal-Kap 319.

(b) Illi l-fatti kif esposti ma jammontawx ghall-istess zewg processi ghall-istess reat kif jipprospetta l-kuncett ta' "*Ne bis in idem*" izda huma biss alternattivi fl-akkuza. Jekk wiehed ma jinstabx hati taht kap jista' jinstab hati taht kap iehor. Tista' tkun akkuzat b'serq jew fl-alternattiva jew u b'ricettazzjoni. Dan huwa principju accettat fil-pajjizi kollha u ma jwassalx ghan-*Ne bis in idem*. Ghalhekk ma jissussisti ebda ksur ta' l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni.

(c) In kwantu din il-Qorti qed tkun mistiedna mir-rikorrenti biex taghmel

apprezzamenti ta' fatt li diga' saru mill-Qorti tal-Magistrati u mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali, din l-Onorabbli Qorti mhix Qorti tat-Tielet Istanza u ghalhekk hija prekluza milli tara jekk ir-reat twettaqx mir-rikorrent jew mill-persuna l'ohra msemmija fir-rikors.

(2) Isegwi ghalhekk li t-talbiet tar-rikorrent ghandhom jigu kollha michuda.

Bl-ispejjez.

Rat l-atti kollha tar-rikors u d-dokumenti ezibiti;

Semghet lill-Avukati difensuri jittrattaw;

**TALBA**

Ir-rikorrent talab li dina l-Qorti:

1. tiddikjara li s-sentenzi ta' kundanna moghtija fil-konfront ta' l-esponent dwar it-tieni mputazzjoni li hu naqas li jaghti ricevuta fiskali jivvjola fil-konfront tieghu l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-art. 7 tal-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem;

2. taghti r-rimedji adegwati specifikatament it-thassir ta' l-istess kundanna konfermata fis-26 ta' Jannar, 2001;

3. u taghtih kumpens xieraq ghall-vjolazzjonijiet sofferti;

L-intimat irrisponda (a fol.6):

(1) Illi dwar l-allegazzjoni tar-rikorrent ta' *ne bis in idem* ma sar ebda' ksur la ta' l-artikolu 7 tal-Konvenzjoni Ewropeja u lanqas ta' l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ghas-segwenti ragunijiet:

(a) L-artikolu 7 tal-Konvenzjoni m'ghandu x'jaqsam xejn mal-kuncett ta' "*Ne bis in idem*". Fil-fatt dan id-dritt ma jidhirx fil-Konvenzjoni kif kienet fin-1950 izda jidher bhala dritt apparti fl-artikolu 4 tal-Protokoll numru 7 li Malta mhix parti kontraenti u li mkien ma jidher fl-iskeda tal-Kap. 319.

(b) Illi l-fatti kif esposti ma jammontawx ghall-istess zewg processi ghall-istess reat kif jipprospetta l-kuncett ta' *Ne bis in idem* izda huma biss alternativi fl-akkuza. Jekk wiehed ma jinstabx hati taht kap jista' jinstab hati taht kap iehor. Tista' tkun akkuzat b'serq jew fl-alternativa jew u b'ricettazzjoni. Dan huwa principju accettat fil-pajjizi kollha u ma jwassalx ghan *Ne bis in Idem*. Ghalhekk ma jissussisti ebda' ksur ta' l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni;

(c) in kwantu din il-Qorti qed tkun mistiedna mir-rikorrenti biex taghmel apprezzamenti ta' fatt li diga saru mill-Qorti tal-Magistrati u mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali, dina l-Onorabbili Qorti mhix Qorti tat-tielet istanza u ghalhekk hija prekluza milli tara jekk ir-reat twettaqx mir-rikorrenti jew mill persuna l-ohra msemmija fir-rikors.

(2) Isegwi ghalhekk li t-talbiet tar-rikorrent ghandhom jigu kollha michuda.

**KONSIDERAZZJONIJIET**

Fir-rikors tieghu r-rikorrent jaghmel riferenza ghall-artikolu 7

tal-Konvenzjoni Ewropeja izda dana l-artikolu m'ghandux x'jaqsam mal-kuncett ta' *ne bis in idem* li fuqu hu qed jibbaza l-lanjanza tieghu. Dan l-artikolu jitkellem dwar ***"No punishment without law"*** cioe' li "*no one shall be held guilty of any criminal offence on account of any act or ommission which did not constitute a criminal offence under national or international law at the time when it was committed.*"

Proprjament ir-rikorrent kellu jirreferi ghall-artikolu 4 tal-Protocol 7 tal-Konvenzjoni li jitkellem dwar ***Right not to be tried or punished twice*** cioe' *li no one shall be tried or punished again in criminal proceedings under the jurisdiction of the same state for an offence for which he has already been finally acquitted or convicted in accordance with the law and penal procedure of that state*.

Izda dana l-artikolu tal-Protocol 7 imsemmi ma giex iffirmat minn Malta u ghalhekk ghadu mhux applikabbli u lanqas ma gie inserit fil-Kap. 319 dwar il European Convention Act fli skedi taghha. (ara sentenza Kostituzzjonali M. Spiteri vs A.G. 20/11/2000).

Ir-rikorrent qed jissottometti *in subsidium* li se *mai* japplika l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni dwar *fair trial* u l-artikolu 39 (9) tal-Kostituzzjonji.

Kwantu ghall-Artikolu 6 skond l-awturi in materja "*The question whether freedom from double jeopardy (il-principju ta' ne bis in idem) is guaranteed by Article 6 of the Convention has been left open by the Commission. The fact that freedom from double jeopardy is now expressly protected by the 7$^{th}$ Protocol, which has not been ratified by all Convention parties, does not mean that it is not required by Article 6 of the Convention.* (Harris M O'Boyle u Warbrick pagna 569 u X v

Austria No 4212/69, 35 CD 151 (1970).

Imma l-artikolu 6 hu intenzjonat "*To ensure fairness of proceedings as a whole. Justice is not the word that is highlighted in this article but fairness.* Kwantu ghal *fairness, the Court and the Commission have frequently stated that they are not courts of appeal from domestic courts and they cannot examine complaints that a court has reached the wrong decision or that a person was, for example, wrongly convicted. They will not enter into the merits of decisions. For this reasons complaints concerning miscarriage of justice are unlikely to succeed before them. E.g. Birmingham Six Case (1989).*

Issa dina l-Qorti meta tigi biex tezamina jekk hemmx ksur ta' l-artikolu 6 trid timxi fuq l-istess binarji bhal li kieku kienet qed taghmel *review* il-Qorti Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem li tapplika l-istess Konvenzjoni. L-artikolu 6 fih tliet elementi distinti li huma: access ghall Qorti, garanziji dwar l-organizzazzjoni u komposizzjoni tal-Qorti, u garanziji dwar il-mod kif jigu kondotti l-proceduri.

Fil-kaz in ezami r-rikorrent mhux qed jghid li ma nghatax *fair trial* fis-sens fuq indikat imma li l-Qorti tat-decizjoni zbaljata meta sabet lilu hati u mhux lil Simone Galea li ma rrilaxxjatx ricevuta fiskali. Il-Qorti ghalhekk fuq dak li ntqal aktar il-fuq ma tistax issib li r-rikorrent ma inghatax *fair trial* taht l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni.

Jifdal il-lanjanza tar-rikorrent taht l-artikolu 39(9) tal-Kostituzzjoni. Dan l-artikolu jipprovdi li ebda' persuna li tkun ghaddiet proceduri quddiem xi qorti kompetenti ghal reat kriminali u jew tkun giet misjuba hatja jew liberata ma ghandha terga' tghaddi proceduri ghal dak ir-reat jew ghal

xi reat kriminali iehor.

Ir-rikorrent ippremetta fir-rikors tieghu li l-legislatur iddistingwa zewg reati u t-tnejn gew dedotti kontra tieghu. Ta' l-ewwel reat hu gie liberat. Dan jitkellem dwar responsabilta' ta' persuna registrata jekk hu jew l-impjegat tieghu jonqsu li jaghtu ricevuta. It-tieni reat hu li jonqsu li jaghtu ricevuta. Dan ir-reat jippostula r-responsabilta' diretta tal-persuna li tonqos hi stess li taghti l-ircevuta. F'dan il-kaz, skond ir-rikorrent, il-provi juru li kienet Simone Galea li ma tatx l-ircevuta u l-Qorti sabet lilu hati taht dana l-kap. Ir-rikorrent qed jissottometti li hu qed jinstab hati ta' reat li hu ma kkomettiex, ghaliex wettqitu Simone Galea, u li dwar ir-responsabilta' tieghu ghal agir taghha hu kien gie liberat. Dan ghalhekk jikkostitwixxi ksur tal-principju ta' *Ne bis in Idem*.

L-intimat qed issotni li l-fatti kif esposti ma jammontawx ghall-istess zewg processi ghall-istess reat kif jipprospetta l-kuncett ta' *Ne bis in idem* izda huma biss alternattivi fl-akkuza. Jekk wiehed ma jinstabx hati taht kap jista' jinstab hati taht kap iehor. Tista' tkun akkuzat b'serq jew fl-alternativa jew u b'ricettazzjoni. Dan huwa principju accettat fil-pajjizi kollha u ma jwassalx ghan *Ne bis in Idem*.

Hu rikonoxxut mill-Qrati taghna li imputazzjonijiet jew akkuzi jistghu jinghataw alternativament per ezempju, serq u ricettazzjoni. Imputazzjonijiet jew akkuzi li jkunu kontradittorji fattwalment jew legalment ma jwasslux ghal nullita' izda jfisser biss li dawn iridu necessarjament jinqraw bhala li huma alternattivi (ara sentenza A.K. Pul vs C.Muscat 17/10/97 ). Il-fatt li akkuzi jinghataw alternattivament ma jfissirx li persuna tkun qed tigi soggetta darbtejn ghall-istess reat.

Fil-kaz in ezami r-rikorrent ma kienx instab hati li naqas hu jew l-impjegati tieghu li jaghtu ricevuta fiskali, izda nstab hati tat-tieni, l-akkuza alternativa li naqas li jaghti ricevuta. Dina s-sentenza giet konfermata mill-Qorti tal-Appell Kriminali, ghalkemm ir-rikorrent qed jghid li effettivament kienet Simone Galea li ma tatx l-ircevuta.

Ir-rikorrent qed isostni li l-Qorti tal-Appell Kriminali kienet zbaljata fid-decizjoni taghha fejn ikkonfermat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati ghax tat interpretazzjoni estensiva tar-responsabilta' tieghu.

Kif diga nghad aktar il-fuq, dina l-Qorti mhiex Qorti tat-tielet istanza u ma tistax tezamina jekk il-Qorti ta' l-Appell kienitx korretta jew le fid-decizjoni taghha jew jekk ir-rikorrent kellux jinstab hati jew liberat. Dina l-Qorti ma tidholx fil-mertu tad-decizjoni tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali.

Kif kienet qalet il-Qorti tal-Prim Istanza fis-sentenza Holland vs Schembri tal-20 ta' Mejju, 1991, f'kaz ta' *judcial review*, il-Qorti li qed taghmel ir-*review* ma tidholx fl-inkonsistenza bejn il-fatti pruvati u l-konkluzzjoni suppost derivata minn dawk il-fatti. L-istess jinghad ghan-nuqqas ta' apprezzament tal-fatti li jirrizultaw jew addirittura li tinjora dawk il-fatti bhal li kien ma jirrizultawx jew m'humiex rilevanti ghall konkluzzjoni tad-decizjoni taghha. Dawn jistghu jikkwalifikaw bhala zball ta' logika, ta' argumentazzjoni fuq il-fatti, imma mhux fuq il-ligi u mhux fuq is-sustanza tan-norma guridika.

F'dan il-kaz ir-rikorrent inghata *fair trial* kif fuq definit u ma kienx hemm ebda ksur tal-principju ta' *Ne bis in idem*. Mhux kompitu ta' dina l-Qorti

li tara jekk ir-reat twettaqx mir-rikorrenti jew mill-persuna l-ohra msemmija fir-rikors.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddeciedi billi tichad it-talba tar-rikorrent bl-ispejjez kontra tieghu.

**ONOR. IMHALLEF GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.**

**Frankie Mercieca**
**Deputat Registratur**